24 ta' Marzu, 1947.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Francesco Sultana *versus* Paolo Vassallo (*)

**Preskrizzjoni — Ġurament — Interruzzjoni — Provi — Xhieda Mhux Dikjarati.**

*Għalkemm huwa aktar regolari illi l-ġurament, lid-debitur li jopponi l-preskrizzjoni, jiġi deferit fl-aħħar u in via subordinata, però, meta hemm dubju serju jekk il-kreditur bil-fatt li sejjaħ lid-debitur għall-ġurament irrinunzjax għad-dritt li jipprova l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, dan id-dubju għandu jmur favur il-kreditur u dan għandu jiġi ammess biex jipprova dik l-interruzzjoni.*

*Fil-każ preżenti l-Qorti ta' l-Appell, kontrarjament għal dak li kienet żammet l-Ewwel Qorti, ammettiet lill-kreditur biex jagħmel din il-prova; u dan anki permezz ta' xhieda mhux dikjarati, billi żammet illi n-neċessità tagħhom ħarġet mill-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Prima Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu, fejn talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallsu s-somma ta' £54. 11. 4 bħala prezz ta' *xorb u sigarretti* illi hu biegħelu u kkunsinnalu, kif jiġi ppruvat waqt il-kawża; bl-imgħax legali minn-notifika taċ-ċitazzjoni u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti hux imsemmija fl-4 ta' Novembru 1946, fejn laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' 18-il xahar skond l-art. 2253(b) Kodiċi Ċivili, Kap 23 Edizzjoni Riveduta, bl-ispejjeż kontra l-attur, u konsegwentement ċaħdet it-talba attriċi; wara li kkunsidrat;

Illi ġie bosta drabi deċiż minn dawn il-Qrati illi di fronti għall-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni brevi, min jippretendi li għandu jieħu, ma jista' jagħmel ebda prova ħlief dik ta' l-interruzzjoni; illi għalhekk, kemm il-darba jiddeferixxi l-ġura-

(*) Maqtugħa fil-meritu fl-4 ta' Ġunju 1947 (Appell Ċivili).

ment lill-eċċipjenti l-preskrizzjoni, huwa jkun qiegħed jirrimetti ruħu għall-kuxjenza tad-debitur; u jekk dana jaħlef skond il-formula ta' l-art. 2265 Kodiċi Ċivil, Kap. 23 Edizzjoni Riveduta, din in-negazzjoni tista' tekwivali sija għal negazzjoni ta' l-obbligazzjoni kemm ukoll għall-pagament bil-modi li trid il-liġi, ħaġa fit-tieni ipotesi li mhux leċitu għall-kreditur jindaga, appuntu l-għaliex bid-deferiment tal-ġurament ikun irrimetta ruħu għall-kuxjenza tad-debitur;

Illi fil-każ in eżami milli jidher il-preskrizzjoni eċċepita hija dik li taqbel għall-każ, u l-attur ma pprova bl-ebda mod l-interruzzjoni tagħha;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u l-petizzjoni tiegħu fejn talab illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tkun riġettata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mogħtija mill-konvenut, u jkun deċiż il-meritu minn din il-Qorti; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi f'każ bħal dan in re "Ing. Francesco M. Caruana vs. Konti Francesco Sant Cassia et.", din il-Qorti, fil-11 ta' Ottubru 1940, irriteniet illi, għalkemm kien ikun iżjed regolari kieku l-ġurament jiġi deferit fl-aħħar lid-debitur u in vija subordinata, iżda fis-sistema tagħna, li huwa divers, f'din il-materja tal-ġurament deċiżorju, mis-sistema kontinentali, hemm dubju serju jekk bil-fatt illi l-attur sejjaħ lill-konvenut biex jixhed irrinunzjax għad-dritt tiegħu li jipprova li dik il-preskrizzjoni kienet interrotta. Infatti f'dan il-każ l-attur ma talabx sempliċement, kif soltu jsir, illi l-Qorti timponi l-ġurament lid-debitur skond il-formula tal-liġi, iżda sejjaħlu bħala xhud; u b'dan jidher illi huwa ried jipprova bih li għalkemm kien hemm l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, dik kienet interrotta; u wara x-xhieda tal-konvenut huwa ta x-xhieda tiegħu. Għalhekk ma jidherx li l-attur ried jirrinunzja għal dak id-dritt tiegħu, u fi kwalunkwe każ hemm dubju serju, li għandu jmur favur dak li kontra tiegħu qiegħda tiġi akkampata rinunzja għal dritt;

Tikkunsidra;

Illi l-attur talab illi jġib bħala xhud lill-martu, talba li

ġiet respinta b'digriet ta' l-Ewwel Qorti tal-4 ta' Novembru 1946. Għalkemm dik ix-xhud ma ġietx dikjarata, iżda toħroġ in-neċessità tagħha mill-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mogħtija mill-konvenut; u għalhekk għandha tiġi ammessa;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddikjara li l-appellant għandu dritt jipprova illi l-preskrizzjoni *ġiet interrotta*, u għalhekk tammettih iġib bħala xhud lill-mara tiegħu għal dan il-fini. Spejjeż riżervati għad-*deċiżjoni finali*.